MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Numru. 634/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**MaryAnne Borg**

**Kumpilazzjoni Nru: 634/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Mary Anne Borg, 29 sena, bint Raymond Borg u Josephine nee' Cutajar, imwielda Pieta nhar it-30 ta' Settembru, 1984 u li toqghod nru. 8, Farmhouse Ghar Zerriegha, L-Irziezet Tal-Imtahleb Rabat, u detentrici ta' karta ta' l-identita' nru. 474584M.

Akkuzata talli, b'diversi atti maghmulin mill-istess imputata, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar l-10 ta' Mejju, 2014, ghall-habta ta' l-10.30a.m., minn gewwa fond Flat 4, Ta' Paris, Blokk C4, Birkirkara , ikkommettiet serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-lok, u li sar ghad-dannu ta' Maria Vittoria Bugeja, u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. nhar it-23 ta' Mejju, 2014, ghall-habta ta' l-4p.m., minn gewwa fond nru. 87, Marshall Court, Blokk E, Gzira, ikkommettiet serq ta' kaxxa bi flus kontanti u xi dokumenti, liema serq hu aggravat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija w disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Teresa Beck Lanzon, u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

3. fil-11 ta' Gunju, 2014 u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ikkommettiet diversi reati punibbli bi prigunerija fil-perjodu operattiv t'ordni ta' *probation*, ai termini ta' l-Ariklu 7 tal-Kapitolu 447, Att dwar il-*Probation,* tal-Ligijiet ta' Malta, liema ordni ta' probation giet imposta fuqha b'sentenza definittiva mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), (Magistrat Dr. T. Micallef Trigona LL.D.), nhar is-16 ta' Jannar, 2014.

Rat l-artikoli 18, 261(e) u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-prosekuzzjoni irtirat l-aggravju dwar valur fit-tieni imputazzjoni.

Rat li l-immputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taaghtha zmien tikkundsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-pienal-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali taghha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputata mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputata lesta li tirrifondi l-ammont misruq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-aggravju dwar valur fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 18, 261(e) u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha fil-kumplament taghhom u tikundannaha sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-

Kapitolu 9 qed tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin, in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputata biex fi zmien xahrejn thallas is-somma ta' erbghin Euro (€40) u mitejn Euro (€200) rispettivament lid-derubati.

Il-Qorti spjegat lill-imputata l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma' thallas is-somma komplessiva ta' €240 fi zmien xahrejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------